## TA' LOURDES F'GHAWDEX

*Sbejħa, qawwija, f'nofs il-liedna tħaddar*
*qed tgħasses siekta fuq il-plajja Għawdxija;*
*għidli, Marija, liema bniedem libbsek*
*b'dik is-sbuħija!*

*Fuqek, imtella', hemm il-maqdes tiegħek*
*sabiħ, irżin, maħdum minn sengħa għaqlija;*
*x'hemm isbaħ minnek, ġilju frisk bajdani*
*fl-għolja Mġarrija?*

*Inti ħabbara, xhud tad-Din Nisrani*
*li jsaltan qawwi sew fil-qlub Maltija*
*kemm f'dawk li jgħammru fl-art ta' Bernardina,*
*tfajla bla ħtija,*

*Kemm eluf jiġru għal ġol-grotta tiegħek*
*bl-emmna merfugħa, f'dik il-art xemxija!*
*X'ġiebek, sultana, x'ġiebek tgħammar fostna,*
*ħelwa Marija?*

*L-għanja li tisma' f'dik il-art imbiegħda*
*smajtha minn qalbna, b'fommna sseħħ qawwija*
*meta f'qiegħ dgħajsa ġejna niġru għandek,*
*Omm mingħajr ħtija.*

*Kemm dmugħ imdemmem jiġri f'dak l-għar ċkejken*
*minn qlub magħsura, bl-uġigħat miksura,*
*kemm smajt tal-bniedem ġrajja għad-dawl moħbija*
*qalb dik il-ħdura.*

*Xtaqt minn ġo Malta, xtaqt li niġi nżurek*
*biex jien quddiemek inberraħlek qalbi,*
*il-lum ġejt hawn, fix-xtut Għawdxija*
*isma' lil talbi.*

P. P. Theuma.
(Student tal-Letteratura)